

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Adamix

Konvenuta: Direction départementale des finances publiques de l'Orne

Dispożittiv

L-eżami tad-domanda ma juri ebda element li jista' jaġettwa l-validità tad-Deċiżjoni 2004/343/KE, tas-16 ta' Diċembru 2003, dwar l-iskema ta' għajnuna implementata minn Franza għall-akkwist ta' impriżi f'diffiċultà.

(¹) ĠU C 202, 30.06.2014

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Nejvysshí správní soud (ir-Repubblika Ċeka) fit-13 ta' Diċembru 2014 – Český telekomunikační úřad vs T. Mobile Czech Republic a.s. u Vodafone Czech Republic a.s.

(Kawża C-508/14)

(2015/C 056/05)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Qorti tar-rinviju

Nejvysshí správní soud

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Český telekomunikační úřad

Konvenuti: T-Mobile Czech Republic a.s. u Vodafone Czech Republic a.s.

Partijiet oħra: O2 Czech Republic a.s. (li kienet, sal-20 ta' Ġunju 2014, Telefónica Czech Republic, a.s.), UPC Česká republika, s.r.o.

Domandi preliminari

- 1) L-Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva 2002/22/KE (¹) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelaw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (iktar 'il quddiem id-“Direttiva”), għandhom jiġi interpretati fis-sens li l-mekkaniżmu tal-“ispiża netta” tal-provvista ta' dan is-servizz, stabbiliti fuhom, jipprekludi li l-prezz tal-ispiża netta kif stabbilita jkun jinkludi wkoll il-“profitt raġonevoli” ta' min jipprovdih?
- 2) Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda, dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (l-Artikoli 12 u 13) għandhom effett dirett?
- 3) Jekk l-Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva għandhom effett dirett, dan l-effett jista' jew ma jistax jiġi invokat kontra kumpannija kummerċjali li 51 % mill-azzjonijiet tagħha huma miżmuma (kkontrollati) minn Stat Membru, f'dan il-każ il-Kumpannija Telefónica Czech Republic, a.s. (din hija “entità Statali”)?
- 4) Fil-każ ta' risposta affermattiva għad-domandi 1 sa 3, id-Direttiva tista' tiġi applikata wkoll fir-rigward ta' relazzjonijiet maħluqa qabel l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka mal-Unjoni Ewropea (bejn l-1 ta' Jannar 2004 u t-30 ta' April 2004)?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitulu 13, Vol. 29, p. 367.